



# Id-Dwieli u l-Inbid fis-Siġġiewi fl-Imgħoddi u llum

Minn Nicholas Vassallo D. Litt

Il-produzzjoni tal-inbid teħodna lura għal żmien il-pre-istorja. Hu maħsub li oriġinat 'l hemm mill-Persja, imbagħad mill-Mesopotamja ddaħlet fl-Eġittu u wara xterdet ukoll fil-Greċja.

Aktar tard il-Griegi flimkien mal-Feniċi nisslu d-dwieli u daħħlu l-produzzjoni tal-inbid mal-Mediterran kollu. Aktarx, mela, hawn Malta l-ewwel dwieli trawmu mill-Feniċi. Kienu huma, wkoll, li ġabu magħhom it-tagħrif kif isir l-inbid; il-Feniċi kienu l-aqwa baħħara ta' żmienhom u għalhekk ma jistax jonqos li, fost ħwejjeġ oħra, kienu wkoll jikkumerċjaw l-inbid min-naħa tal-Lvant Nofsani lejn Gżiritna. Il-Feniċi – u aktar tard il-Kartaġiniżi – nisslu varjetajiet ta' dwieli ġodda u aktar għammiela biex b'hekk ipproduċew inbid itjeb, ta' palat aħjar u li jintgħoġob minn kulħadd.

Mal-firxa tal-Imperu Ruman, imbagħad, il-kultivazzjoni tad-dwieli flimkien ma' dik taż-żebbuġ, xterdet ukoll fi Spanja u fi Franza, għax għar-Rumani l-inbid kien meqjus bħala x-xarba tal-allat. Ma setax jonqos, għalhekk, li f'Malta wkoll huma kellhom oqsma ta' dwieli għall-għasir. Sal-lum, wara 'l fuq minn elfejn sena, għad baqa' fdalijiet ta' vilel rumani f'bosta naħiet ta' Malta, minn Burmarrad sa Marsaxlokk; miż-Żejtun sa Ħal Millieri. S'issa nafu b'madwar għoxrin waħda[1]. Taħt il-ħakma tar-Rumani, il-konsum tal-inbid żdied bil-bosta hekk li fl-ewwel seklu Wara Kristu kienu jixorbu, ras għal ras, flixkun inbid kull wieħed kuljum. Iżda mbagħad, minħabba l-iżbruffar tal-Vesuvju u ħafna disgrazzji naturali oħrajn – l-aktar għargħar – ma' xi naħiet tal-Imperu Ruman, il-kultivazzjoni tad-dwieli u l-produzzjoni tal-inbid ħadu daqqa ta' ħarta tant li l-prezz tal-inbid għola ġmielu[2]. Jista' jagħti l-kas li, minħabba l-għargħar, xi nħawi għoljin madwar is-Siġġiewi wkoll sfaw għerja mill-ħamrija u għalhekk ma baqgħux jinħadmu.

Mill-banda l-oħra, f'ħafna provinċji oħrajn tal-imperu, it-tkabbir tad-dwieli żdied. Ma setax jonqos li f'Malta wkoll ħafna tħajru jkabbru d-dwieli ladarba l-inbid kien iġib prezz tajjeb. Jidher, infatti, li villa rumana oħra kienet tinsab qrib is-Siġġiewi, sewwa sew aħna u deħlin il-Fawwara, mal-lemin qrib ir-razzett magħruf bħala tal-Gvernatur Dorman, fuq ir-riħ tat-triq. Għalkemm kumplessi ta' din ix-xorta kienu jissejħu "villa", dawn ma kinux vilel kif nifhmu llum iżda oqsma kbar ta' raba mgħammrin bin-nies. F'nofshom kont issib binja ġmielha fejn jgħixu mhux biss is-sidien iżda wkoll għadd ta' lsiera u qaddejja biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet kollha tal-qasam: trobbija tal-bhejjem, it-tkabbir taż-żebbuġ u tad-dwieli. Kollox juri li, wara t-tluq tar-Rumani fis-sekli aktar qrib lejna, f'din il-medda art fil-Fawwara, il-kultivazzjoni tad-dwieli ma naqsitx tant li fl-istess raba, sal-lum, għad hemm kantina wiesgħa u twila għamla ta' mina nofs tond imħaffra fil-blat għall-ħażna tal-btieti tal-inbid. Fit-tarf ta' ġewwa, din il-kantina tispiċċa għamla ta' bir qisu qanpiena b'ħerża għolja fuq il-bokka tiegħu. B'hekk iċ-ċirkolazzjoni u t-temperatura tal-arja tkun ikkontrollata



*L-arkata tal-Gran Mastru Lascaris 1651*

b'mod naturali, bħalma jsir qalb l-għoljiet f'ħafna partijiet tal-Italja. Mal-ġnub tagħha nsibu mrabat kbir li bihom kienu jorbtu l-btieti li fihom l-inbid jitħalla jiqdiem u jitjieb. Milli jidher, din il-kantina forsi unika f'Malťa, baqgħet tintuża għall-ħażna tal-inbid sa wara t-tluq tal-Kavallieri ta' San Ġwann minn Malta.

Fi żmien ir-Rumani, l-għeneb għall-għasir tal-inbid kien jitgħaffeġ bis-saqajn fi speċi ta' ħawt jew vaska tal-ġebel u wara l-fermentazzjoni, kif imsemmi wkoll fil-miraklu tat-tieġ ta' Kana, kien jinħażen u jitħalla jiqdiem ġo ġarar tal-fuħħar ta' għamla żengulija u bil-widnejn tawwalin biex jinġarru minn żewġ reffiegħa jew aktar. Il-qiegħ tagħhom kien jispiċċa għall-ponta biex waqt it-trasport jinħażnu ġo maqgħad apposta u b'hekk ma ssirilhomx ħsara. Qabel iservuh, imbagħad, kienu jħalltuh bl-ilma u xi drabi kienu wkoll iżidulu l-għasel biex jingħata togħma ħelwa. Ta' min ifakkar, hawn, li Malta minn dejjem kienet magħrufa wkoll għall-produzzjoni tal-għasel. Ma setax jonqos, għalhekk, li f'dawn il-vilel rumani kont issib ukoll l-imġiebaħ tan-naħal possibilment anki fil-Fawwara.

Aktarx fi żmien l-Għarab, il-kultivazzjoni tad-dwieli f'Malta xorta baqgħet ħajja, għalhekk l-għeneb seta' kien jintuża biss għall-ikel peress li l-Għarab ma jixorbux inbid. Iżda wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru, l-għasir tal-inbid reġa' qabad ix-xeħta. Mill-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann 'l hawn, il-produzzjoni tal-inbid irpiljat ġmielha. L-inbid kien meħtieġ mhux biss għall-konsum tagħhom u tal-Maltin iżda wkoll għall-ħtiġijiet tal-kleru fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-quddies. Illum il-ġurnata fil-festa ta' xi kappelli fil-kampanja bħalma huma dawk ta' Ħal Xluq u tal-Providenza, wara l-quddiesa jitqassam il-kafè lil kull min jieħu sehem. Iżda nsibu miktub li fl-imgħoddi nhar is-sitta ta' Diċembru fil-kappella ta'

San Niklaw kien jitqassam l-inbid kif ukoll tomna ġellewż bejn dawk kollha preżenti. Ta' min isemmi li f'dawk iż-żminijiet, daqs mitejn u ħamsin sena ilu, il-kafè kien xarba għas-sinjuri waqt li l-inbid kien aktar popolari. Ħafna bdiewa kienu jgħasru l-għeneb huma stess kemm għall-ħtiġijiet tagħhom kif ukoll biex ibiegħuh.

Fis-seklu sbatax u tmintax, id-dverni kienu popolari ħafna kemm lejn il-Belt u n-naħiet tal-Kottonera kif ukoll fl-irħula. Fis-Siġġiewi wkoll kien hawn xi dverni sewwa fil-Misraħ u kemm lejn Bieb San Ġwann. Meta, f'dawk is-sekli, il-ħbit mill-furbani naqas tista' tgħid għalkollox u l-Maltin kienu rashom mistrieħa, kemm il-kavallieri kif ukoll bosta sidien għonja tar-raba' bdew iqattgħu l-blat biex jillivellaw l-art u jiksuha bil-ħamrija, iħaffru lanijiet (jew aħjar kanali fondi) fir-raba' tagħhom bħalma kien qed jiġri fi Sqallija mnejn trawmu fi gżiritna siġar tal-frott li qatt ma kienu semgħu bih. Fil-laqmijiet kienu jħawlu dwieli ta' nisel ġdid għal Malta fosthom il-Moscato u l-Moscatello li jagħtu nbid ta' lewn safrani kemxejn ħelu, ifuħ u togħma ta' frott irqiq. Dawn id-drawwiet ġabu magħhom taqlib kbir fil-qasam tal-biedja. Għad għandna xhieda ta' dil-ħidma fejjieda f'Tabrija ż-Żgħira (ftit metri 'l hemm miċ-ċimiterju) fejn il-Gran Mastru Lascaris bidel il-wied f'ġonna saqwin u bena l-irziezet fuq ir-riħ tal-wied speċi ta' *masseria* tan-naħiet ta' Ragusa. Hekk ukoll fis-sqaqien qalb ir-raba tagħna, għadna nistgħu naraw mal-ġnub tal-ħitan sinjali tal-lanijiet imbiegħda bejn tlieta jew erba' passi minn xulxin. F'Wied il-Lewża, minbarra xi lanijiet insibu wkoll skrizzjoni minquxa fuq ċangatura mwaħħla mal-ħajt ta' razzett biex tfakkarna li dak ir-raba' fl-1690 ingħata b'ċens lil Salvu Magro mill-Imqabba għal tliet ġenerazzjonijiet bil-patt li fih issir vinja u l-benefikat kollu meħtieġ. Fis-sisien lejn il-Fulija u n-naħat tal-



*Fil-bini l-għoli kien joqgħod l-Imgħallem tal-Kumpless*

Girgenti u l-Fawwara għadek issib dwieli magħrufin mis-Siġġiewin bl-isem *tal-insonja,* kelma li ġejja mill-Isqalli *insolia,* dwieli li jagħmlu għeneb irqiq iżda tassew ħelu.

Minkejja din ix-xejra ġdida fit-tkabbir tad-dwieli, l-inbid ta' Malta qatt ma kien biżżejjed biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' dawn il-gżejjer. Għalhekk Malta kienet timporta kwantitajiet kbar ta' nbid fil-btiti minn Sqallija, l-aktar minn Sirakuża, Noto, Modica u Vittoria – il-belt ġemellata mas-Siġġiewi. Ta' min ifakkar li, ġo Vittoria u n-naħa t'isfel ta' Sqallija, għad hemm bosta nies ta' dixxendenza Maltija. Kunjomijiet bħal Muscat, Darmanin, Chetcuti, Farrugia u oħrajn għadhom komuni sal-lum. Fost id-dixxendenti Maltin ta' Vittoria llum insibu wkoll lil Gianbattista Cilia, wieħed mid-diriġenti tal-ażjenda COS li tipproduċi fost l-aqwa nbejjed: *Insolia* u *Cerasuolo di Vittoria*, esportati mal-Ewropa kollha. Dan jista' jagħtina ħjiel mnejn il-Maltin tgħallmu s-sengħa tal-għasir.

Lis-Siġġiewin kienu jgħasru u jaħżnu l-inbid jixhduh ukoll bosta mid-djar qodma tagħna li għandhom kantina jew xi kmajra friska nofs livell mal-bitħa (li llum kieku nsejħulha *"semi basement"*). Fihom kienu jinħażnu d-damiġġjani u btiti żgħar bl-inbid għall-użu tal-familja. Fosthom, biswit il-kappella ta' San Ġwann, tinsab id-dar tal-familja Vella – Ta' Sikkina. Dun Anton Vella u niesu ma kinetx tiġi sena li ma jagħsrux inbid ġdid. Niftakar f'xi ħdud, wara l-quddiesa kantata, Dun Anton kien jistieden lilna abbatini d-dar tiegħu u jħarriġna fil-kant tal-quddies u tal-vespri, bil-latin. L-għaxqa tagħna, imbagħad, kien meta wara, xi kultant, noqogħdu ngħinuh jibbottilja l-inbid fil-kantina b'numru ġmielu ta' damiġġjani 'l hawn u 'l hemm waqt li hu jfissrilna kif isir l-għasir u kif jiffermenta l-inbid.

Fil-qalba tar-raħal, f'Misraħ San Nikola, għal aktar minn ġenerazzjoni waħda, kellna wkoll il-familja Bonello – Tas-Sultan jew kif konna nafuhom dan l-aħħar Ta' Nata – li minbarra li kellhom il-ħanut tax-xorb kienu wkoll iqassmu l-inbid. Sas-Snin Sittin, fil-garaxx wara ta' Ċwerra, għal għexieren ta' snin kienu jaħżnu btieti kbar jesgħu mijiet ta' litri li mbagħad kienu jqassmuh bl-imnut, fl-imgħoddi minn bettijja fuq karettun apposta u



aktar tard minn fuq naqra ta' trakk. Tas-Sultan, mill-Gwerra 'l hawn, kienu jtellgħu l-inbid min-naħa tax-Xatt mingħand il-produtturi ewlenin l-aktar m'għand il-Marsovin anke minħabba li d-dwieli, f'dak iż-żmien, bdew jimirdu bil-fillossera u jmutu. Warajhom in-negozju għadda għand qrabathom, tas-Sultan ukoll, jew taż-Żibġi kif nafuhom aħna. Iżda mbagħad kemm minħabba l-popolarità tas-*"soft drinks"* kif ukoll minħabba li ħafna nies bdew jippreferu l-birra, l-inbid ma baqax jinxtorob bħal qabel. Issa, minn kemm ilna li artna saret membru tal-Unjoni Ewropea, żdiedu bil-kotra l-oqsma tad-dwieli u tjiebet ferm il-kwalità tal-inbid. Illum, min iħares mill-bogħod lejn Tal-Għolja jew jgħaddi minn qalb ir-raba tagħna s-Siġġiewin jara meded kbar ta' art tħaddar minn Marzu sa Settembru hekk li, bla ma trid, int ukoll titħajjar idduq il-benna tal-inbid ta' dawn l-inħawi. Inbid li jagħmel ġieħ lir-Raħal Tagħna u lil Artna wkoll.


Għandek bżonn Siġġijiet
għal xi okkażjoni familjari,
bħal preċett, griżma, *birthday party* etc...
Tista' tissellef siġġijiet li għandek bżonn mingħand
il-Każin tal-Banda San Nikola
*Kull donazzjoni tiġi milqugħa*
Ikkuntattja lill-membri tal-kumitat u lis-Segretarju R. Sant
Mob: 79461161 • E-mail: raysant@go.net.mt

